# Il-Madonna ta' Pinu u l-Ħamruniżi

*minn Grazio A. Grech*

**ĦAFNA huma dawk id-devoti tal-Madonna ta' Pinu li ta' kull sena iżuru s-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu f'Għawdex. Uħud jagħmlu dan biex jirringrazzjaw lil Madonna ta' xi grazzja li jkunu qalgħu bl-interċessjoni tagħHa, waqt li oħrajn iżuruHa sabiex jitolbuHa taqlgħalhom xi grazzja.**

Xhieda ta' din id-devozzjoni u l-grazzji maqlugħa matul il-medda tas-snin tinsab irrekordjata f'dawk l-oġġetti mogħtija għal xi grazzja maqlugħa, li jinsabu esebiti f'dan is-Santwarju Marjan.

Ma għandi l-ebda dubju li bħal bqija tal-poplu Malti u Għawdxi, ulied il-Ħamrun huma devoti tal-Madonna ta' Pinu u kienu ħafna dawk minn fosthom li matul is-snin qalgħu grazzji bl-interċessjoni tagħHa. Dan jikkonfermawh ukoll, rapporti li minn żmien għal żmien kienu jidhru fir-rivista "Id-Devot ta' Marija". Din ir-rivista li kienet tiġi stampata kull xahar f'Għawdex, kienet tiġi ppubblikata minn Mons. Kanonku tal-Katidral ta' Għawdex, Dun Alwiġ Vella.



Għalhekk f'dan l-artiklu se nġib siltiet minn din ir-rivista dwar persuni Ħamruniżi li għall-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin qalgħu xi grazzja bl-interċessjoni tal-Madonna ta' Pinu.

1. Amabile Cefai, mill-Ħamrun, ġietu marda kbira wisq f'qalbu. Biż-żmien għadda għall-agħar, tant li ħa l-vjatku u għamlulu l-griżma. Saritlu konsulta tat-tobba u dawn qalu li ma kellhomx tama li jfieq, u li kieku wkoll kien ifieq, kien jibqa' dejjem suġġett għal dik il-marda. Il-marid ġa kien daħal fl-agunija meta ommu Marija, talbet għalih b'wegħda lill-Madonna ta' Pinu, sabiex għat-talb ta' San Ġużepp, Għarus tagħha, tagħtih il-qawwa. Kien dan fil-għaxra ta' bil-lejl, u f'nofs il-lejl, Amabile ħassu tajjeb sewwa, tant li qam bil-qiegħda fuq soddtu u l-għada qam u ħareġ qawwi u sħiħ. (April, 1897)

2. Ġużeppi Seguna, mill-Ħamrun, marad bid-deni, tant qawwi, illi l-istrument li bih it-tobba iqisu s-sħana immarka saħansitra 109 u kwart ta' grad. Wasal li ġismu kollu ibbies u qorob għall-mewt. Ommu talbet għalih bil-qalb lill-Madonna ta' Pinu b'wegħda, u fis il-marid ħassu aħjar u baqa' ġej 'il quddiem sakemm fieq. Ommu ġiet tkompli l-wegħda fl-erbgħa ta' Ġunju li għadda. Telgħet għarkobbtejha sa l-altar fejn qalet ir-rużarju sħiħ u tqarbnet u tat xi żejt lill-Madonna. (Novembru, 1897)

3. Ġużeppina Cassar, tfajla ta' ftit snin mill-Ħamrun, mardet marda qalila li f'daqqa waħda wasslitha fi stat tal-mewt. Ommha u missierha addolorati, jieshom maqtugħ mill-għajnuna tad-dinja, irrikorrew bil-fidi lejn il-Madonna ta' Pinu u għamlu wegħda li jagħtuha l-imsielet tad-deheb li kellha f'widnejha Ġużeppina, jekk tidħol għaliha u tagħtiha l-grazzja tal-fejqan. Minnufih, b'għaġeb tal-ġirien kollha, it-tifla stejqnet, ħelset minn kull periklu u ma ħasset xejn iżjed. B'turija ta' mħabba, ġew komplew il-wegħda u tqarbnu fis-Santwarju. (April, 1899)

4. Margerita Bartolo mill-Ħamrun kellha tumur f'għajnha tant ikreh li ż-żewġ tobba li kellmet qalu ċar li kienet ser titlef id-dawl. Iżda l-imsejkna ma qatgħetx jiesha u għalkemm il-każ kien disperat, it-tama tagħha fil-Madonna ta' Pinu kienet wisq u lejha irrikorriet b'dawn il-kelmiet: *Verġni Mqaddsa li tinsab turi assistenza speċjali ma' dawk kollha li Lejk jirrikorru, idħol għalija f'dan il-periklu. Jiena nikkonsagra ruħi Lejk u nagħmillek ukoll wegħda.* Malli spiċċat dawn il-kelmiet, ħaġa tal-għaġeb qalgħet minnufih il-grazzja il-għaliex bi kbir għaġeb tat-tobba u tal-ġirien kollha, fieqet fl-istess ġurnata. (Jannar 1900)

5. Ġew fis-Santwarju jiżżuħajr lill-Madonna ta' grazzji li qalgħu, Ġanni Buttigieg mill-Ħamrun u Ġanna Attard. L-ewwel wieħed qala' grazzja kbira għal martu li bil-għajnuna tal-Madonna ħelset minn ħlas wisq diffiċli, u l-oħra wara wegħda li għamlet kellha x-xorti tara lil binha jiġi

**Is-santwarju tal-Madonna ta' Pinu għandu l-għeruq tiegħu li jmorru lura aktar mill-1545. Il-kwadru ta' Marija Assunta tant devot sar fuq ordni ta' Filippu Gauci li fl-1587 kien xtara l-proprjeta' kollha u rranġa l-knisja. Il-knisja tal-lum inbniet bejn l-1919 u l-1931.**



f'sensieh minn marda ta' ġenn li kienet wisq iddebolitu (Jannar, 1900)

6. Ċensa Zahra, mill-Ħamrun, kellha bosta tumuri ħżiena f'għajnejha u kienet tibża' li sejra titlef għal dejjem id-dawl. Waslet fi stat li ma kienet tagħraf xejn iżjed u kienet tinsab wisq imdejqa. Talbet l-għajnuna tal-Madonna ta' Pinu u għamlet wegħda li jekk tfieq, tagħtiha par imsielet li ma kellhiex għajrhom. Ma damitx wisq ma qalgħet il-grazzja. Ġiet tinvista is-Santwarju, tiżżiħajr lill-Madonna u tħoll il-wegħda. (Mejju, 1900)

7. Karmni Attard mill-Ħamrun kellha marda kiefra li għaliha kien hemm bżonn tagħmel operazzjoni f'għonqha. Wara din l-operazzjoni, l-imsejkna qabadha deni qawwi li baqa' tiela' sakemm laħaq 106 gradi. Qalb dawn id-dwejjaq kollha, irrikorriet lejn il-Madonna ta' Pinu u kienet mismugħa. Fit-tletin tax-xahar li għadda ġiet is-Santwarju, kompliet il-wegħda u offriet par xemgħat. (Awissu, 1902)

Minn fuq dawn il-ġrajjiet għadda seklu jew aktar. Min jaf matul dawn is-snin kollha kemm-il grazzja nqalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna ta' Pinu! J'alla fis-snin li ġejjin il-Ħamruniżi u l-Maltin jibqgħu devoti tal-Madonna u jkomplu jirrikorru għandha għall-għajnuna kemm fi ħwejjeġ temporali u kemm fil-ħteġijiet spiritwali tagħhom. Persważ li t-talb jiġi mismugħ mill-Omm tagħna Marija għax hija, fi kliem San Gejtanu, Hija s-Sidt u l-Kewkba Tagħna.